

Brussell, 4 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9672/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0192 (NLE)**

**CLIMA 97
ENV 397
ENER 217
IND 152
COMPET 411
MI 416
ECOFIN 560
TRANS 235
AELE 38
CH 15**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 359 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 359 final.

Mehmuż: COM(2018) 359 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018
COM(2018) 359 final

2018/0192 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura previsti.

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom

L-għan tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ("il-Ftehim") huwa li jikkollega l-Iskema tal-UE għan-negożjar ta' emissjonijiet (EU ETS) mal-iskema Żvizzera billi jippermetti li l-kwoti taż-żewġ sistemi jkunu jistgħu jiġu nnegożjati reċiprokament u jintużaw għall-konformità fis-sistemi ta' xulxin, u b'hekk jikbru l-opportunitajiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Il-ftehim ġie iffirmit fit-23 ta' Novembru 2017. Dan il-Ftehim se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar wara l-iskambju tal-istrumenti ta' ratifika jew ta' approvazzjoni mill-Partijiet. Madankollu, il-Ftehim jipprevedi li l-Artikoli 11 sa 13 tiegħu jibdeu japplikaw proviżorjament mid-data tal-iffirmit tal-Ftehim.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 12 tal-Ftehim għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu. Jista' wkoll jiddeċiedi li jadotta annessi ġodda għall-Ftehim, jew li jemenda dawk eżistenti. U jista' jiddiskuti l-emendi għall-Artikoli tal-Ftehim, jiffaċilita l-iskambju tal-ideat dwar il-leġislazzjoni tal-Partijiet u jmessi r-rieżamijiet tal-Ftehim.

Il-Kumitat Konġunt huwa korp bilaterali magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ Partijiet (l-UE u l-Iżvizzera). Għandu jkun hemm il-qbil taż-żewġ Partijiet dwar id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat Konġunt.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Waqt l-ewwel laqgħa tiegħu fis-27 ta' Ġunju 2018, il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

L-għan tal-att previst huwa li jistabbilixxi r-regoli li bihom se jaħdem u jiżviluppa l-kompiti tiegħu l-Kumitat Konġunt.

L-Artikolu 12(4) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jidotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni għall-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura li se jirregolaw lill-Kumitat Konġunt. L-abbozz tar-regoli ta' proċedura fihom id-dispożizzjonijiet normali li jirregolaw kif jaħdem dan il-korp: kif inhu magħmul, il-presidenza u l-funzjonijiet segretarjali, ir-regoli dwar il-laqgħat li se jsiru, l-iffissar tal-aġenda, it-teħid

tad-deċiżjonijiet, eċċ. Dan jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jinħolqu gruppi ta' ħidma bi qbil mal-Artikolu 12(5) tal-Ftehim.

L-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt hija meħtieġa biex dan jibda jaħdem fuq it-tnejn tal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Din tippermetti li jsiru l-arranġamenti prattiċi biex il-kollegament bejn iż-żewġ skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet isir realtà.

L-iżvilupp ta' suq internazzjonali tal-karbonju li jiffunzjona sew permezz ta' kollegament minn isfel għal fuq tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet huwa għan tal-politika fit-tul tal-UE u tal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari bħala mezz biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 25 tad-Direttiva li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (EU ETS) jipprevedi li l-EU ETS tiġi kkollegata ma' skemi oħrajn tan-negozjar tal-kwoti tal-emissjonijiet dejjem jekk dawn ikunu obbligatorji, ikollhom limitu assolut tal-emissjonijiet, u jkun kompatibbli, kif inhu l-każ tal-iskema Żvizzera. Biex tibqa' żgurata l-kompatibbiltà bejn l-EU ETS u l-ETS Żvizzera, jeħtieġ li l-Kumitat Konġunt jibda jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim.

4. IL-BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Il-bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”.

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp (“is-sede”) ikkonċernat. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ikollu effetti legali għaliex dan ikun jiddetermina r-regoli li japplikaw għall-Kumitat Konġunt, li huwa l-korp li jamministra l-Ftehim, u li jista' jieħu d-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni ta' annessi ġodda jew dwar l-emendar tal-annessi eżistenti.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-7 ta' Ottubru 2014, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Il-bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala l-ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. L-Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw l-ambjent.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 191 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ tkun l-Artikolu 191 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 191 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ("il-Ftehim") ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 22 tal-Ftehim, qabel ma jidħol fis-seħħ il-Ftehim, iridu jiġu applikati proviżorjament l-Artikoli 11 sa 13 mid-data tal-iffirmar tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim, fl-ewwel laqgħa tiegħu fis-27 ta' Ġunju 2018, il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed fil-Kumitat Konġunt f'isem l-Unjoni billi r-regoli ta' proċedura se jkunu jiddeterminaw kif jaħdem dan il-korp li għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*